MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2010

Citazzjoni Numru. 390/2010

Avukat Dottor Louis **CASSAR PULLIĊINO**, bħala mandatarju speċjali tal-assenti Donato Flumian

**vs**

Pier Luigi **RAVAIOLI**

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq bil-proċedura sommarja speċjali fl-20 ta' April, 2010, li bih ir-rikorrent *nomine*, għar-raġunijiet hemm imfissra, talab a) li din il-Qorti taqta' l-kawża mingħajr smigħ għall-finijiet ta' l-artikoli 167 sa 170 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta; u b) li l-Qorti tikkundanna lill-imħarrek, biex iħallas lill-attur s-somma ta' ħmistax-il elf euro (€15,000) li tirrapreżenta s-somma

avvanzata lill-istess imħarrek waqt trattativi biex l-attur jikseb kwota ta' ishma f'żewġ kumpanniji f'Malta li kellu minnhom l-imħarrek, liema negozju baqa' ma seħħx;

Talab ukoll il-ħlas ta' l-imgħax legali u l-ispejjeż;

Rat illi l-atti tar-Rikors ġew debitament notifikati lill-intimat li meta deher quddiem il-Qorti, u wara li kien ressaq Nota għall-finijiet tal-art 170(1) tal-Kap 12, ta lill-Qorti raġuni tajba biex jitħalla jikkontesta l-kawża.

Rat li, minkejja li b'degriet tagħha tal-15 ta' Ġunju, 2010, l-imħarrek ingħata żmien biex iressaq formalment Tweġiba Maħlufa, naqas li jagħmel dan fiż-żmien li tagħti l-liġi;

Rat in-Nota spjegativa mressqa mill-avukat Stefano Filletti waqt is-smigħ tal-lum;

Semgħet l-Avukat tal-attur.

Eżaminat l-atti tar-Rikors;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fir-Rikors jirriżultaw pruvati;

Fil-kontumaċja tal-imħarrek tiddeciedi billi:

1. **Tastjeni milli tqis iżjed l-ewwel talba,** fid-dawl tad-degriet tagħha tal-15 ta' Ġunju, 2010;

2. **Tilqa' t-tieni talba** u tikkundanna lill-imħarrek iħallas lill-attur *nomine* s-somma ta' ħmistax-il elf euro (€15,000) rappreżentanti s-somma avvanzata lill-istess imħarrek waqt trattativi biex l-attur jikseb kwota ta' ishma f'żewġ kumpanniji f'Malta li kellu minnhom l-imħarrek, liema negozju baqa' ma seħħx, flimkien ma' l-imgħaxijiet legali

fuq l-imsemmija somma b'seħħ mid-29 ta' Ottubru, 2004, sal-jum tal-ħlas effettiv.

3. **Tikkundanna** lill-imħarrek iħallas **l-ispejjeż tal-kawża**.

Moqrija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------